MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2020

Rikors Kostituzzjonali Numru 46/2019 LM

**Silvio Zammit (K.I. numru 454164M)**

***vs*.**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ppreżentat fis-27 ta' Marzu, 2019, mir-rikorrent **Silvio Zammit (K.I. numru 454164M)** [minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"], kontra l-intimat **l-Avukat Ġenerali** [minn issa 'l quddiem "l-intimat Avukat Ġenerali"] li jgħid kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *L-esponenti jinsab akkużat* inter alia *b'*trading in influence *u l-proċeduri kriminali istitwiti kontrih jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Maġistrat A.M. Grima LL.D.*

2. *Illi dawn il-proċeduri tniedu lejn l-ahhar tas-sena 2012 u għaldaqstant ilhom pendenti għal aktar minn sitt (6) snin. Sal-lum il-ġurnata, il-Prosekuzzjoni għadha ma għalqitx il-provi tagħha.*

3. *Illi għal żmien twil, il-Prosekuzzjoni insistiet fuq ix-xhieda ta' persuna li tinsab barra minn Malta, ċerta Inge Delfosse. Matul il-kumpilazzjoni surreferita, l-avukat Dr. Kenneth Grima deher għan-nom tal-imsemmija Delfosse u nforma l-Qorti tal-Maġistrati li l-patroċinata tiegħu ma kinitx ser tixhed fil-kumpilazzjoni billi kien hemm il-possibilita' li tinkrimina ruhha bid-depożizzjoni tagħha.*

4. *Illi* nonostante *dan, f'rinviju wara rinviju, l-Avukat Ġenerali baqa' jinsisti li tixhed Inge Delfosse.*

5. *Illi wara li nżammu diversi seduti mingħajr ebda progess, l-esponenti talab li ssir riferenza kostituzzjonali fejn din l-Onorabbli Qorti ġiet mitluba :*

   *"*tgħid jekk il-fatt illi dawn il-proċeduri qed jitwalu minħabba li x-xhud Inge Delfosse, li hi l-unika xhud li fadal tal-Prosekuzzjoni, ma tridx tixhed f'dawn il-proċeduri għax hemm il-possibilita' li tinkrimina ruħha u minħabba f'hekk l-Avukat Ġenerali, ma jistax joħroġ l-Att tal-Akkuża mingħajr ix-xhieda ta' din ix-xhud, bil-konsegwenza li din il-kawża ma tistax titkompla u tintemm skont il-liġi, jilledix id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, Kaptiolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta."

6. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar is-26 ta' April 2018, minn din l-Onorabbli Qorti, presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. A ; Felice LL.D. ġie deċiż illi :*

   Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Silvio Zammit fit-talba għal referenza kostitzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, senjatament illi qiegħed jiġi leż id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fil-11 ta' Lulju 2016 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Silvio Zammit kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-

Libertajiet Fundamentali, liema ksur ser jibqa' jissussiti sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-depożizzjoni ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibbli jew tagħlaq l-istadju tal-provi tagħha fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit.

Għalhekk din il-Qorti qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif provdut f'din ir-referenza.

7. *Illi din is-sentenza ġiet appellata mill-Avukat Ġenerali, iżda permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Lulju 2018, l-appell ġie miċħud u s-sentenza appellata ġiet ikkonfermata.*

8. *Illi kif ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali, l-atti reġgħu ntbagħtu quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex jitkomplew il-proċeduri kriminali. Billi l-maġistrat preċedentement sedenti ġie elevat imħallef, ossia l-Onor. Imħallef Dr. A. G. Vella LL.D., il-kumpilazzjoni giet assenjata lil maġistrat ġdid, u ċioe' l-Maġistrat Dr. A. M. Grima LL.D.*

9. *Illi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat illi l-esponenti kien u filfatt għadu qed ibati ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u li dan il-ksur ser jibqa' jissussiti sakemm il-Prosekuzzjoni tottjeni d-depożizzjoni ta' Inge Delfosse mill-aktar fis jew tagħlaq il-provi tagħha.*

10. *Illi wara li ngħatat s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-esponenti kien taħt impressjoni li l-Avukat Ġenerali ser jagħraf li din is-sitwazzjoni ma setgħetx titkompla u għalhekk, fin-nuqqas tax-xhieda ta' Inge Delfosse, jiddikjara li l-Prosekuzzjoni ma kellha ebda prova oħra xi tressaq.*

11. *Illi xejn minn dan ma seħħ. L-Avukat Ġenerali baqa' jkaxkar saqajh u għal xhur sħaħ, f'seduta wara seduta, ma sar assolutament xejn. Is-sentenza kkonfermata mill-Qorti tKostituzzjonali tistipula li d-dritt tal-esponenti għal smigħ xieraq ġie leż u ser ikompli jiġi leż diment li ma tixhidx Inge Delfosse jew jingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni. Madankollu, is-sentenza ma timponi ebda terminu li mal-iskadenza tiegħu jingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni u għalhekk, l-Avukat Ġenerali kien kuntent ikompli jippermetti l-ksur tad-dritt fundamentali tal-esponenti billi l-istess Avukat Ġenerali ma kien ser isofri ebda konsegwenza bil-kontinwazzjoni ta' dan il-ksur.* Di piu', *il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti*

*Istruttorja hi prekluża milli taghlaq dan l-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni billi l-Liġi ma tahtihiex din il-kompetenza.*

12. *Illi* di più, *fi Frar 2019, l-Avukat Ġenerali ħolom b'prova oħra* nonostante *t-trapass 'l fuq minn sitt snin minn meta tniedu dawn il-proċeduri, fejn talab li jittieħed kampjun tal-vuċi tal-esponenti sabiex dan jiġi kkumparat ma'* recording *li fih allegatament l-esponenti jitkellem ma' Inge Delfosse.*

13. *Illi fir-rigward ta' dan ir-*recording*, li skont il-Prosekuzzjoni sar minn Inge Delfose, jingħad li l-istess Delfosse ma xeheditx quddiem il-Qorti u konfermat taħt ġurament li r-*recording *sar minn naħa tagħha. Illi* di più, *minkejja li l-esponenti kien oġġezzjona għall-ħatra tal-espert sabiex jieħu kampjun tal-vuċi tal-esponenti u jagħmel analiżi mar-*recording*, il-Qorti tal-Maġistrati kienet xorta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni. Illi jingħad ukoll li l-esponenti talab l-isfilz tar-*recording *mill-atti stante li kif ġja' ġie dikjarat, Inge Delfosse, il-persuna li allegatament għamlet ir-*recording *ma deheritx quddiem il-Qorti sabiex tikkonferma u tippreżenta seduta stante l-istess* recording *allegatament magħmul minnha iżda l-Qorti tal-Maġistrat ċaħdet it-talba għall-isfilz tar-repert.*

14. *Illi jingħad ukoll li meta fl-aħħar seduti l-Avukat Ġenerali għoġbu jibgħat l-atti proċesswali, kienu inħarġu l-Artikoli relattivi taħt liema l-esponenti għandu jiġi ġudikat, u l-artikli ħarġu bir-riżerva, iżda kuntrarjament għal dak li ordinarjament iseħħ, il-Qorti tal-Maġistrati ma qratx l-artikli u minkejja diversi talbiet li saru mid-difiża tal-esponenti sabiex l-istess artikli jinqaraw, dawn baqgħu qatt ma nqraw.*

15. *Illi huwa ovvju li minħabba dan il-fatt li l-Artikoli ma humiex qegħdin jinqraw, l-esponenti qiegħed isofri ksur ta' smigħ ta' dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Illi jingħad li meta l-Artikoli jinqraw, il-Qorti tbiddel il-vesti tagħha minn waħda Istruttorja għal waħda ta' Ġudikatura Kriminali u meta l-Qorti tkun fil-vesti ta' Ġudikatura Kriminali, l-Avukat Ġenerali/Pulizija ma jistgħux jitolbu l-ħatra ta' espert.*

16. *Illi apparti minn hekk, l-Artikoli li ntbagħtu mill-Avukat Ġenerali ngħataw 'b'rizerva' li jsir l-analiżi surreferit. L-esponenti jinsab perpless b'dan billi din it-tip ta' kundizzjoni ma teżistix fil-Liġi; jekk l-Avukat Ġenerali jibgħat l-Artikoli sabiex jinqraw, u l-persuna akkużata ma jkollha ebda oġġezzjoni li l-każ jiġi determinat mill-Qorti tal-Maġistrati, dawk l-Artikoli jridu jinqraw.*

17. *Illi għaldaqstant huwa evidenti li l-Avukat Ġenerali ma għandu ebda diffikultà jżomm lill-esponenti fi stat perpetwu ta' ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq u huwa biss b'ordni diretta ta' sentenza minn Qorti b'setgħa kostituzzjonali li l-provi tal-Prosekuzzjoni jistgħu jingħalqu.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

1. *Tiddikjara li l-esponenti sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli* a tenur *tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*
2. *Tordna sabiex immedjatament jingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni* Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs. Silvio Zammit *pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Maġistrat Dr. A. M. Grima LL.D.*
3. *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-esponenti.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat ir-risposta tal-intimat **l-Avukat Ġenerali** ppreżentata fis-16 ta' April, 2019, fejn wieġeb kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett :*

*Illi l-ilment tar-rikorrent huwa mibni fuq allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea billi, fi kliem ir-rikorrenti, "*huwa ovvju li minhabba dan il-fatt li l-Artikoli ma humiex qegħdin jinqraw, l-esponenti qiegħed isofri ksur ta' smigħ ta' dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Illi jingħad li meta l-Artikoli jinqraw, il-Qorti tbiddel il-vesti taghha minn waħda Istruttorja għal waħda ta' Ġudikatura Kriminali u meta l-Qorti tkun fil-vesti ta' Ġudikatura Kriminali, l-Avukat Ġenerali/Pulizija ma jistgħux jitolbu l-ħatra ta' espert."

*Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti :*

1. *Illi preliminarjament in kwantu l-lanjanza tar-rikorrenti hija mibnija fuq allegata leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq naxxenti minn dewmien tal-proċeduri, l-esponenti jirrileva li r-rikorrenti diga' talab referenza kostituzzjonali dwar dina l-kwistjoni fl-ismijiet* «Il-Pulizija vs Silvio Zammit» *(referenza kostituzzjonali numru 71/2016) li nqatgħet finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju 2018 liema kawża hija llum* res judicata *u r-rikorrenti għalhekk ma jistax jerġa' jirriproponi l-istess ilment quddiem dina l-Onorabbli Qorti tramite l-proċeduri odjerni.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jissottometti li l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, quddiem Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jmur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul l-andament tal-kumpilazzjoni li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt ta' proċess ġust tar-rikorrenti.*

   *Il-fatt fih innifsu li l-kumpilazzjoni inbdiet sitt snin ilu ma jfissirx b'dashekk li hemm dewmien inġustifikat. Tabilħaqq hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja proċedura ġudizzjarja, imma dan għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun.*

   *Illi proprju fil-każ tallum jekk dina l-Onorabbli Qorti ssib li kien hemm xi dewmien tali dewmien ma jistax jitqies li huwa wieħed kapriċċjuż jew irraġonevoli. Illi jekk wieħed jifli il-proċess tal-kumpilazzjoni jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja qiegħdha tieħu ħsieb li tmexxi l-kawża b'diliġenza u bi speditezza. Illi jekk wieħed jikkunsidra li fis-sitt snin li ilha għaddejja l-kawża l-każ kien jinvolvi numru konsiderevoli ta' xhieda li kellhom jiġu minn barra minn Malta sabiex jixhdu f'dan il-każ li fin-natura tiegħu huwa wieħed ta' kumplessità għolja. In fatti, mill-verbali eżebiti jirriżulta li xehdu numru kbir ta' persuni matul dina l-kumpilazzjoni fosthom nies li huma impjegati ma' istituzzjonijiet Ewropej u li jirrisjedu barra minn Malta kif ukoll kien hemm numru ta' esperti li ġew maħtura. Kemm in-numru ta' xhieda u kemm in-neċessità li jinħatru esperti juri li l-każ kien wieħed kumpless. L-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Andrew Ellul Sullivan et vs Avukat Generali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Gunju 2008 fejn ġie osservat illi kawża titqies bħala waħda kumplessa u kumplikata*

*minħabba fost l-oħrajn il-*"volume of evidence, number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad or the complexity of the legal issues involved". *Għalhekk, darba li gie affermat li l-każ kien wieħed ta' kumplessità għolja, isegwi li ċertu approfondiment kien bil-wisq ġustifikat. Illi madankollu tenut kont ta' tali kumplessità xorta waħda ma jistax jingħad li l-kawża qiegħdha tieħu żmien irraġonevoli sabiex tiġi konkluża. Illi huwa minnu li l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali diġà ravviżat dewmien irraġonevoli madanakollu dan lanqas ifisser li ġialadarba xhud għamel l-almu tiegħu sabiex ma jixhidx fil-proċeduri tal-kumpilazzjoni allura xhieda oħra, u ċioe' l-ħatra ta' espert, liema ħatra hija neċessarja bħala prova, ma tinġibx. Illi wieħed irid ukoll iżomm quddiem għajnejh li l-Prosekuzzjoni hija marbuta li ttella' kull prova kemm favur kif ukoll kontra l-imputat u li ċertament li azzjoni ta' natura kostituzzjonali ma hijiex intiza sabiex l-imputat jittenta tramite tali proċeduri jorbot idejn il-Prosekuzzjoni u jitlob li jingħalqu l-provi minkejja li jkun hemm xhieda illi l-Prosekuzzjoni hija fid-dmir li ttella' illi, del resto għal raġunijiet li ma humiex attribwibbli lill-Prosekuzzjoni (f'dan il-każ xhud rilevanti jidher li ma tridx tixhed fil-pendenza ta' proċeduri investigattivi barra minn Malta), ma jkunx xehed.*

*Illi huwa rilevanti ukoll illi f'dan il-każ huwa l-akkużat stess li qiegħed jikkaġuna d-dewmien billi saħansitra joġġezzjona għall-ħatra ta' espert tal-għarfien tal-vuċi meta huwa manifest illi qorti istruttorja hija pjenament intitolata skont il-Kodiċi Kriminali li tordna li tinġieb quddiemha tali prova.*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, il-Qorti Ewropea dejjem irritenit illi* « reasonableness … must be assessed in each case according to the particular circumstances … The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities … » *(ara* ***Buchholz v. Germany*** *– applikazzjoni numru 7759/77 deċiża fis-6 ta' Mejju 1981). Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha taħt piena tal-għeluq tal-proċeduri u dan ukoll għax altrimenti l-interessi tal-ġusitizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

*Kemm hu hekk, fil-kawża* ***Ciricosta u Viola v. Italy*** *maqtugħa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Diċembru 1995, kien ġie deċiż li kawża ċivili li saħansitra kienet għadha ma ġietx maqtugħa minħabba sensiela*

*twila ta' differimenti u li kienet ilha pendenti għal aktar minn ħmistax-il sena ma kinitx bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Taħt dan il-profil, mal-mogħdija taż-żmien il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea stabbilew ċertu fatturi li għandhom jiġu meqjusa biex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġonevoli jew le. Dawn il-fatturi jinkludu : - (a) in-natura u/jew komplessità tal-każ inkwistjoni ; (b) l-imġiba proċesswali tal-partijiet fil-kawża; u (ċ) il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess. Dawn il-kriterji ġew applikati wkoll mill-Qrati tagħna (ara* Francis Said vs Avukat Generali *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010 u* Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Ġenerali *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003).*

*Illi ċertament li sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkunsidra t-talba tar-rikorrenti, jinkombi fuq l-istess rikorrenti li jipprova illi mhux biss il-każ tiegħu qed idum pendenti iżda li tali dewmien huwa intiż sabiex jizvantaġġjah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-Liġi.*

*Di più, wara li mill-kumpilazzjoni kontra r-rikorret diga saret referenza dwar dewmien, ir-rikorrent f'din il-kawza jista' jressaq biss lanjanzi li jsegwu d-decizjoni ta' dik ir-refernza ghax altrimenti jkun hemm dupplikazzjoni tal-istess ilmenti u proceduri.*

*Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

4. *Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Illi permezz tas-sentenza *in parte* tal-15 ta' Novembru, 2019, din il-Qorti ddeċidiet billi ċahdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimat l-Avukat Ġenerali, filwaqt li ordnat il-prosegwiment tal-kawża bis-smigħ tal-provi dwar il-mertu.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrent.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta’ Ġunju, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, li qiegħda tingħata llum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-rikors odjern isegwi deċiżjoni mogħtija fit-13 ta’ Lulju, 2018 mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat deċiżjoni mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-26 ta’ April, 2018, fejn ġie kkonfermat li ġie miksur l-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [minn issa ’l quddiem “il-Kostituzzjoni”] u bl-Artikoli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [minn issa ’l quddiem “il-Konvenzjoni”].

Ir-rikorrent jinsab akkużat bi *trading in influence* u bħalissa hemm proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja [minn issa ’l quddiem “il-Qorti tal-Maġistrati”]. F’dawn il-proċeduri, li ilhom li bdew aktar minn sitt snin, l-intimat l-Avukat Ġenerali qiegħed jinsisti għax-xhieda ta’ ċerta Inge Delfosse, li tgħix barra minn Malta, u li rrifjutat li tiġi Malta sabiex tagħti d-depożizzjoni tagħha fil-proċeduri mibdija kontra r-rikorrent minħabba l-biża’ li jekk tagħmel dan tista’ tinkrimina ruħha.

Minkejja dan, l-intimat l-Avukat Ġenerali talab għadd ta' rinviji minħabba l-insistenza tiegħu sabiex Delfosse tixhed fl-imsemmija proċeduri.

Kien għalhekk li r-rikorrent ressaq l-ewwel ilment kostituzzjonali tiegħu fejn isostni li qiegħed isofri minn ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, u dan in vista tal-fatt li ladarba Inge Delfosse għadha qed tirrifjuta li tixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu ma jistgħux jiġu fi tmiemhom. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) b'sentenza tas-26 ta' April, 2018, iddeċidiet li qiegħed jiġi leż id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, liema ksur ser jibqa' jissussisti sakemm il-Prosekuzzjoni tagħmel dak li għandha tagħmel sabiex jew tassigura li Inge Delfosse titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex tagħti x-xhieda tagħha, jew inkella tagħlaq il-provi tagħha fil-kumpilazzjoni li qiegħda ssir fil-konfront tar-rikorrent. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali b'deċiżjoni tat-13 ta' Lulju, 2018, imma minkejja dan l-intimat Avukat Ġenerali m'għamilx dak li kellu jagħmel sabiex jiġi osservat dak li ġie ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali u jara li d-drittijiet tar-rikorrent ma jibqgħux jiġu miksura. Peress li l-Qorti Kostituzzjonali ma imponiet l-ebda terminu fuq il-Prosekuzzjoni sabiex tagħlaq il-provi tagħha, l-intimat l-Avukat Ġenerali baqa' m'għamel xejn sabiex jassigura li l-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni jingħalaq billi l-istess Avukat Ġenerali ma kien ser isofri ebda konsegwenza bil-kontinwazzjoni tal-imsemmi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Barra minn hekk fi Frar tal-2019 l-intimat l-Avukat Ġenerali talab li ssir prova bit-teħid ta' kampjun tal-vuċi tar-rikorrent sabiex dan jitqabbel mar-*recording*

fejn allegatament ir-rikorrent jinstema' jitkellem ma' Inge Delfosse. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta wkoll għax minkejja li l-intimat l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Artikoli li abbażi tagħhom ir-rikorrent għad irid jiġi ġġudikat, dawn ħarġu b'riżerva li jittieħed il-kampjun tal-vuċi. Ir-rikorrent jgħid li dawn l-Artikoli baqgħu ma nqrawx mill-Maġistrat sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati, u għalhekk din il-Qorti għadha ma bidlitx il-vesti tagħha għal waħda ta' Ġudikatura Kriminali, bil-konsegwenza li dik il-Qorti għadha mhix adita bl-awtorità li tordna lill-Avukat Ġenerali jagħlaq il-provi tiegħu. Huwa in vista ta' dan li r-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li huwa għadu qiegħed isofri minn ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tordna li immedjatament jingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, flimkien ma' dawk l-ordnijiet, atti u direttivi neċessarji sabiex id-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent jiġi mħares.

Min-naħa tiegħu l-intimat l-Avukat Ġenerali wieġeb li sa fejn l-ilment tar-rikorrent huwa mibni fuq allegat ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq naxxenti minn dewmien fl-għeluq tal-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, ir-rikorrent diġà kiseb referenza kostituzzjonali, liema talba għaddiet in ġudikat permezz tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Lulju, 2018. Din l-ewwel eċċezzjoni ġiet deċiża minn din il-Qorti fejn permezz ta' sentenza *in parte* mogħtija fil-15 ta' Novembru, 2019, ċaħdet tali eċċezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawża bis-smigħ tal-provi dwar il-mertu. L-intimat l-Avukat Ġenerali jikkontesta l-mertu billi jissottometti li fil-proċeduri tal-kumpilazzjoni

ma kien hemm l-ebda dewmien mhux ġustifikat. Jissottometti li skont il-ġurisprudenza kostanti u stabbilita kwistjoni ta' dewmien mhux raġonevoli kellha titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Fil-każ odjern il-proċess tal-kumpilazzjoni kien juri li l-Qorti tal-Maġistrati kienet qiegħda tmexxi l-proċeduri b'diliġenza u bi speditezza. Jgħid li l-proċeduri nnifishom kienu ta' kumplessità għolja fejn kien hemm numru konsiderevoli ta' xhieda li ġew minn barra minn Malta sabiex jixhdu, kif ukoll qamet il-ħtieġa li jinħatru diversi esperti. In sostenn ta' dan l-argument tiegħu, l-intimat l-Avukat Ġenerali jiċċita dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2008, fl-ismijiet **Andrew Ellul Sullivan et *vs.* Avukat Ġenerali et.** L-intimat l-Avukat Ġenerali jissottometti li l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali sabet li kien hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri, dan ma kienx ifisser li ġaladarba xhud kien għamel minn kollox sabiex ma jixhidx, xhieda oħra, anzi l-ħatra ta' espert bħala prova ma tinġibx ukoll, għaliex azzjoni ta' natura kostituzzjonali ma kinitx intiża sabiex imputat permezz tagħha jorbot idejn il-Prosekuzzjoni. Jallega li fil-każ odjern kien proprju r-rikorrenti li kien qed jikkawża d-dewmien billi joġġezzjona għall-ħatra ta' espert tal-għarfien tal-vuċi u hawnhekk l-intimat l-Avukat Ġenerali jiċċita dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Mejju, 1981, fl-ismijiet **Buchholz v. Germany,** applikazzjoni 7759/77, u dik tal-4 ta' Diċembru, 1995, fl-ismijiet **Ciricosta u Viola v. Italy**. Il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea kienu stabbilew is-segwenti fatturi li għandhom jiġu meqjusa fejn hemm kwistjoni ta' dewmien irraġonevoli: (a) in-natura u/jew komplessità tal-każ inkwistjoni; (b) l-imġiba proċesswali tal-partijiet fil-kawża; u (ċ) il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja. Jgħid li dawn il-kriterji ġew

adottati saħansitra mill-Qrati tagħna, b'dana li r-rikorrent kellu wkoll juri li d-dewmien kien qed ixekklu fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi. Fl-aħħar nett l-intimat l-Avukat Ġenerali jsostni li stante li diġà saret referenza fir-rigward tad-dewmien tal-proċeduri, ir-rikorrent seta' biss iressaq lanjanzi dwar dak li segwa d-deċiżjoni ta' dik ir-referenza.

**Provi u riżultanzi**

Permezz ta' nota tat-8 ta' Mejju, 2019[1], l-intimat Avukat Ġenerali ppreżenta vera kopja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Lulju, 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Silvio Zammit**.[2] Permezz ta' nota tas-27 ta' Mejju, 2019, ir-rikorrent ippreżenta vera kopja tal-verbali tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) *vs.* Silvio Zammit** mis-26 ta' Lulju, 2018 sad-9 ta' Mejju, 2019, u ċjoé fi stadju wara li kienet ingħatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Lulju, 2018.[3]

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2019, xehed **l-Avukat Edward Gatt**[4], li qal li huwa qiegħed jassisti lir-rikorrent fil-proċeduri penali pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Ix-xhud spjega li wara li ngħatat deċiżjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018, fejn ġie stabbilit li kien hemm leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent minħabba dewmien esaġerat, l-atti ntbagħtu lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li kellha tagħti rimedju għall-ksur soffert mir-rikorrent. Ix-xhud kompla jgħid li filwaqt li l-Prosekuzzjoni kienet ressqet

[1] *A fol.* 16 tal-proċess.
[2] *A fol.* 18 tal-proċess.
[3] *A fol.* 31 *et seq.* tal-proċess.
[4] *A fol*. 54 tal-proċess.

ix-xhieda kollha tagħha, kien għad fadal li tiddeponi xhud, ċerta Inge Delfosse, li tgħix barra u li qiegħda tirrifjuta li tidher quddiem il-Qrati Maltin sabiex tagħti d-depożizzjoni tagħha. Ix-xhud qal li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tgħid ċar li l-Prosekuzzjoni għandha jew tiddikjara li m'għandhiex iżjed xhieda xi tressaq, jew inkella għandha tassigura li tinġieb din Inge Delfosse sabiex tixhed. Minkejja din id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Prosekuzzjoni baqgħet la ġabet lil Inge Delfosse tixhed, u lanqas ma ddikjarat li kienet ser tagħlaq il-provi tagħha. Jirriżulta li l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ baqgħet ma ħadet l-ebda waħda minn dawn it-toroq proposti lilha, u għal perijodu ta' żmien sakemm l-attur intavola l-proċeduri odjerni, l-Avukat Ġenerali baqa' jitlob rinviju wara l-ieħor sakemm ma baqax jinsisti fuq ix-xhieda ta' Inge Delfosse, iżda talab għall-*voice recognition method* sabiex it-telefonata li allegatament ir-rikorrent kellu ma' Inge Delfosse tiġi eżaminata minn espert tekniku. Ix-xhud kompla jgħid li barra minn hekk, l-Avukat Ġenerali bagħat l-Artikoli tiegħu li abbażi tagħhom għandu jiġi ġġudikat ir-rikorrent, u malli ntbagħtu dawn l-Artikoli, il-Qorti tal-Maġistrati ma baqgħetx Qorti Istruttorja iżda nbidlet f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Ix-xhud qal li l-Maġistrat sedenti ma qratx l-Artikoli inkwistjoni sabiex b'hekk hija baqgħet Qorti Istruttorja u ma nbidlitx f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dan wassal biex il-Qorti m'għandhiex l-awtorità li titlob lill-Prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha jew tiddikjara li dawn il-provi huma magħluqa.[5] Ix-xhud qal li ġie ppreżentat r-rikors odjern

[5] Fi kliem ix-xhud, "l-Artikoli ma jistgħux jintbagħtu mill-Avukat Ġenerali u jibqgħu fil-proċess qisu ma ġara xejn. Il-Qorti konsapevoli li kif taqrahom ħa tikkonverti ruħha imbagħad tkun tista' tagħmel dak li qaltilha l-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali, baqgħet ma qrathomx u allura r-rikorrent jinsab f'sitwazzjoni fejn minħabba l-aġir tal-Qorti, il-qorti żammet lilha nnifisha bħala Qorti Istruttorja biex ma tkunx tista' tagħlaq il-provi u dak ordnat mill-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali bqajna f'limbu li ma jistax isir."

għax ma sarx il-qari tal-Artikoli mill-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk il-Qorti baqgħet ma ġietx konvertita f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Waqt l-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2019, reġa' xehed **Dr Edward Gatt**[6], li kkonferma li l-Artikoli saru b'riżerva, u li l-espert tal-vuċi nħatar mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Ix-xhud ikkonferma wkoll li dan l-espert għadu ma espletax l-inkarigu tiegħu.

Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll l-**Ispettur Yvonne Farrugia**[7], li qalet li wara li għamlet il-verifiki tagħha, kien irriżultalha li in segwitu għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali, kienet saret pressjoni fuq l-Avukat Ġenerali sabiex jieħu deċiżjoni finali fir-rigward tax-xhud Inge Delfosse, u kienet saret talba għall-*European Investigation Order* sabiex din il-persuna tagħti d-depożizzjoni tagħha. Ix-xhud qalet li minkejja li kienet saret talba għal assistenza reċiproka fir-rigward tax-xhieda li għandha tingħata minn din ix-xhud, din baqgħet ma xehditx, u għalhekk l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ma baqax jinsisti għal din ix-xhud, u minflok ħareġ l-artikoli bir-riżerva li jintalab espert fil-*voice recognition.*

Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll **Maria Ruth Ciantar**[8], Deputat Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati, li qalet li meta deputat reġistratur jirċievi l-proċess bl-Artikoli, waħda mill-kopji tintbagħat lill-Ispettur li jkun qiegħed imexxi l-Prosekuzzjoni, filwaqt li l-kopja l-oħra tiddaħħal fil-proċess u jiġi mgħarraf biha l-Maġistrat sedenti.

---

[6] *A fol.* 62 tal-proċess.
[7] *A fol*. 64 tal-proċess.
[8] *A fol.* 70 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Frar, 2020, xehed l-**Avukat Martin Bajada**[9] li spjega li huwa kien ġie maħtur bħala espert mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex jagħmel *voice recognition* billi jieħu kampjun tal-leħen tar-rikorrent u jqabblu ma' dak rekordjat fuq CD esebit fl-atti tal-kumpilazzjoni. Hekk kif iffissa seduta, huwa kien ġie mgħarraf mill-Av. Edward Gatt li r-rikorrent kien rikoverat fl-Isptar. Meta ffissa t-tieni seduta, l-Av. Edward Gatt din id-darba nfurmah li kienet saret referenza kostituzzjonali u l-Maġistrat kienet talbet sabiex jagħmel notamenti ta' dak li ġara u jippreżenta r-rapport tiegħu abbażi ta' dawk in-notamenti. Iddikjara li ma kienx hemm rifjut min-naħa tar-rikorrent li jagħti l-kampjun tal-leħen.

Waqt l-udjenza tad-19 ta' Ġunju, 2020, xehdet in kontroeżami **l-Ispettur Yvonne Farrugia**. Ix-xhud irrilevat li l-Artikoli kienu ntbagħtu mill-intimat l-Avukat Ġenerali f'Jannar tas-sena 2019 u dawn ma nqrawx minħabba r-riżerva li kienet saret *ai termini* tal-liġi. Din ir-riżerva kienet sabiex qabel il-Qorti tal-Maġistrati tikkonverti ruħha għal Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kellu jinħatar espert tal-vuċi u jippreżenta r-rapport tiegħu wara li jespleta l-inkarigu tiegħu.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Din il-Qorti qiegħda tintalab mir-rikorrent sabiex tiddikjara li ġie miksur id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u sabiex b'hekk tordna li minnufih jingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet **Il-**

[9] *A fol.* 90 tal-proċess.

**Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs. Silvio Zammit** li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, filwaqt li toħroġ dawk l-ordnijiet, atti u direttivi li tikkonsidra xierqa jew b'xi mod ieħor tiżgura li jiġi mħares id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent isostni li għalkemm wara referenza kostituzzjonali, din il-Qorti, kif preseduta mill-Onor. Imħallef Dott. A. Felice, b'sentenza tas-26 ta' April, 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Silvio Zammit**[10], liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018[11], iddikjarat li fil-konfront ta' Silvio Zammit kien hemm vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 ta' Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, liema ksur kien ser jibqa' jissussisti sakemm il-Prosekuzzjoni tottjeni d-depożizzjoni ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibbli jew tagħlaq l-istadju tal-provi tagħha, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma għamlet xejn minn dan. Li ġara kien proprju li l-Avukat Ġenerali sab li kellu prova oħra x'jagħmel meta talab li jittieħed kampjun tal-vuċi tar-rikorrent sabiex isir paragun ma' dak li kien jirriżulta f'*recording* fejn allegatament huwa kien qed jitkellem ma' Inge Delfosse.

L-intimat l-Avukat Ġenerali jilqa' billi jissottometti li l-proċeduri tal-kumpilazzjoni li qegħdin jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati huma ta' kumplessità għolja fejn kien hemm numru kbir ta' xhieda, saħansitra wkoll impjegati ta' istituzzjonijiet Ewropej u li jirrisjedu barra minn Malta. Kienet ukoll qamet il-ħtieġa tal-ħatra ta' diversi esperti. Meħud inkonsiderazzjoni dan kollu, l-intimat l-Avukat Ġenerali jsostni li ma setax jingħad li l-proċeduri qegħdin jieħdu żmien irraġonevoli sabiex jingħalqu. Jirrileva li kien proprju r-

[10] Rik. nru. 71/16AF.
[11] Ara kopja *a fol.* 18 tal-proċess.

rikorrent li kien qed iwassal għad-dewmien ilmentat peress li huwa kien oġġezzjona għall-ħatra ta’ espert tal-għarfien tal-vuċi.

Min-naħa tiegħu r-rikorrent fir-rikors tiegħu jirrileva li huwa kien mhux biss oġġezzjona għall-ħatra tal-espert imsemmi, imma anki talab l-isfilz tar-*recording* mill-atti peress li Inge Delfosse, li hija l-persuna li għamlet dan ir-*recording,* ma dehritx waqt il-proċeduri tal-kumpilazzjoni inkwistjoni sabiex tippreżenta u tikkonferma dan ir-*recording* tagħha. Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet iż-żewġ talbiet tiegħu.

Il-Qorti tirrileva li l-ilment kostituzzjonali hawnhekk jirrigwarda n-nuqqas ta’ smigħ xieraq minħabba t-tul ta’ żmien li qegħdin jieħdu l-proċeduri tal-kumpilazzjoni u għalhekk ma tarax li għandha tidħol fil-mertu tal-ħatra tal-espert u tal-isfilz o meno tar-*recording* imsemmi. Tgħid li dawn għandhom jiġu kkonsidrati biss fil-parametri tal-ilment imressaq mir-rikorrent taż-żmien irraġonevoli li qegħdin jieħdu dawk il-proċeduri li qed iwassal għal ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

Il-Qorti tosserva li wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, saru mhux inqas minn sittax-il seduta bejn is-26 ta’ Lulju, 2018, u d-9 ta’ Mejju, 2019, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn l-intimat l-Avukat Ġenerali baqa’ ma deherx, għalkemm kien anki saħansitra solleċitat minn dik il-Qorti biex jidher. Fis-sentenza *in parte* li ngħatat minn din il-Qorti fil-15 ta’ Novembru, 2019, hija diġà kienet esprimiet ruħha dwar in-nuqqas assolut da parti tal-intimat l-Avukat Ġenerali li jottempora ruħu ma’ dak li ġie misjub minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, u li ġie kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13

ta' Lulju, 2018. Din il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax dan l-aġir tal-Avukat Ġenerali meta mhux biss injora l-ordni ta din il-Qorti, hekk kif diversament preseduta, sabiex jottjeni x-xhieda ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibbli u fin-nuqqas jagħlaq il-provi tiegħu, imma saħansitra wkoll is-sollecitazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sabiex jibgħat l-Artikoli jew l-att tal-akkuża[12] u anki jidher *seduta stante*.[13] Dan filwaqt li ma jidhirx li l-proċeduri b'xi mod imxew 'il quddiem lejn l-għeluq tagħhom. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li t-talba għall-ħatra ta' espert setgħet saret mill-ewwel wara li l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat l-ordni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta.

L-intimat l-Avukat Ġenerali jsemmi tliet fatturi li l-Qorti Ewropea tikkunsidra li għandhom jiġu mistħarrġa meta ppreżentata b'ilment dwar id-dewmien irraġonevoli ta' proċeduri ġudizzjarji, liema tliet fatturi llum ġew adottati wkoll mill-Qrati tagħna. Jinsisti li kienet proprju n-natura kumplessa tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li tat lok għal kumpilazzjoni li sal-lum saħansitra tmien snin wara, għadha pendenti. Kif diġà ngħad, l-eżami ta' din il-Qorti huwa limitat għall-perijodu sussegwenti għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Lulju, 2018, u tirrileva li ma jirriżultax li l-argument tal-intimat l-Avukat Ġenerali jista' japplika wkoll għal dan il-perijodu. Mill-verbali tal-Qorti tal-Maġistrati ma jirriżultax li kien għad baqa' xi xhieda li kellhom jinstemgħu u lanqas dokumenti jew oġġetti oħra li kellhom jiġu ppreżentati. Jirriżulta biss li ngħata inkarigu lill-Avukat Martin Bajada li ma setax jiġi espletat peress li r-rikorrent iddikjara li mhux lest li jagħti kampjun

[12] Ara verbal tas-seduta 15.11.18 *a fol.* 37 tal-proċess u dak tal-11.04.19 *a fol.* 50 tal-proċess.
[13] Ara verbal tas-seduta 24.01.19 *a fol.* 40 tal-proċess.

tal-vuċi tiegħu.[14] Il-Qorti hawnhekk tagħraf li n-nomina ta' espert tal-vuċi ma setgħetx tintalab qabel Inge Delfosse titla' tixhed u tikkonferma bil-ġurament li kienet hija li ħadet dak ir-*recording,* iżda ladarba dan ma sarx, tinstab ferm dubjuża dwar ir-rilevanza tat-talba nnifisha, imma dan tgħidu biss fir-rigward tal-ilment miġjub quddiemha u mhux għall-fini ta' rilevanza tal-imsemmija talba *per se.*

Dan iwassal lill-Qorti sabiex tevalwa t-tieni fattur li jirrikjedi eżami tal-imġiba tar-rikorrent / imputat f'dawk il-proċeduri. Qabelxejn il-Qorti tirrileva li peress li ma ġewx ippreżentati quddiemha l-atti kollha tal-kumpilazzjoni, iżda biss il-verbali, il-Qorti ppruvat tifhem mill-verbal relattiv dak li seħħ waqt is-seduta tal-14 ta' Frar, 2019.[15]

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li ma jidhirx mill-provi li tressqu quddiemha li r-rikorrent min-naħa tiegħu kkontribwixxa għad-dewmien fil-proċeduri tal-kumpilazzjoni. Jirriżulta li r-rikorrent mill-ewwel kien esprima l-oġġezzjoni tiegħu għat-teħid ta' kampjun tal-vuċi tiegħu peress li huwa jgawdi mid-dritt tas-silenzju[16] u hawnhekk ma jirriżultax li l-intimat Avukat Ġenerali ħa xi azzjoni fir-rigward ta' din l-oġġezzjoni. Għalhekk ma jistax illum jallega li huwa proprju r-rikorrent li qed jikkaġuna d-dewmien lamentat billi ressaq oġġezzjoni għall-ħatra tal-espert inkwistjoni.

B'hekk l-espert ma setax jespleta l-inkarigu mogħti lilu u lanqas il-Qorti ma setgħet taqra l-Artikoli minħabba ir-riżerva li saret min-naħa tal-intimat

[14] Verbal seduta 11.04.19 *a fol.* 50.
[15] *A fol.* 53.
[16] *Ibid.*

Avukat Ġenerali li dawn jinqraw skont kif jallega r-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu. L-uniku evidenza fil-provi tar-riżerva tinstab fil-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar, 2019, fejn jingħad *"Dr. Edward Gatt għall-imputat jitlob illi jinqraw l-Artikoli llum u dan 'il għaliex dan huwa it-tielet differiment bl-Artikoli in atti u skorretement l-istess Artikoli m'humiex jinqraw minkejja li hemm ir-riżerva",* u fix-xhieda tal-Ispettur Yvonne Farrugia mogħtija fl-aħħar seduta. L-intimat Avukat Ġenerali saħansitra ma jgħid xejn fir-risposta tiegħu. Ir-rikorrent jissottometti li din ir-riżerva hija waħda li ma tipprovdix għaliha l-liġi, iżda l-Qorti ma taqbilx għaliex il-para. (f) tas-subartikolu 370(3) tal-Kap. 9 jiddisponi li,

> *"(f) Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a)."*

Fil-każ odjern l-intimat l-Avukat Ġenerali kien bagħat l-Artikoli u dawn għal xi raġuni li ma tirriżultax biċ-ċar mill-provi, baqgħu ma nqrawx mill-Qorti tal-Maġistrati. Meta r-rikorrent iddikjara fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2019, li huwa ma kienx lest li jagħti kampjun għall-fini ta' paragun mar-*recording* li kien jinstab fl-atti, ma jirriżultax li l-intimat Avukat Ġenerali rribatta u l-Qorti tal-Maġistrati tat xi digriet fuq il-kwistjoni. Għalhekk hija kienet tenuta li tgħaddi sabiex taqra l-Artikoli, iżda minflok u minkejja li l-Artikoli kienu diġà jinstabu fl-atti, hija għażlet li tkompli tiddiferixxi l-proċeduri anki saħansitra sabiex il-Prosekuzzjoni tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet dwar it-talba għall-isfilz tar-*recording.*

B'hekk fis-27 ta' Marzu, 2019, ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni u fit-28 ta' Marzu, 2018, *seduta stante* talab lill-Qorti tal-Maġistrati għal soprasessjoni tal-proċeduri quddiemha pendenti l-eżitu tal-proċeduri kostituzzjonali. Wara li l-Prosekuzzjoni oġġezzjonat u ntalbet minn dik il-Qorti fis-seduta sussegwenti tal-11 ta' April, 2019, sabiex permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet *"...tindika lill-Qorti xi provi fadilha sabiex tagħlaq il-każ tagħha ġialadarba l-imputat iddikjara li mhux lest li jagħti l-kampjun għall-finijiet tal-inkarigu mogħti lil Dr Martin Bajada u skont dak kwezit fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali datat 2 ta' Jannar 2019",* il-Qorti fis-seduta ta' wara akkordat differiment lir-rikorrent sabiex jeżamina dik in-nota u mbagħad ħalliet il-kawża għat-30 ta' Mejju, 2019, għal digriet fuq it-talba mressqa minnu. Dan huwa proprju l-aħħar verbal li ġie ppreżentat mir-rikorrent fis-27 ta' Mejju, 2019, u għalhekk din il-Qorti ma tafx x'ġara wara dik id-data tat-30 ta' Mejju, 2019, u dan filwaqt li tosserva li ma jirriżultax waqt dawn il-proċeduri li l-Prosekuzzjoni għad baqgħalha provi ulterjuri xi tressaq fil-proċeduri tal-kumpilazzjoni li qed jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati.

Fid-dawl ta' dan kollu fejn jirriżulta b'mod l-aktar ċar li għal darb'oħra l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma waslu mkien f'perijodu ta' tmien xhur, u dan għall-ebda raġuni valida skont il-liġi u bl-ebda mod imputabbli lir-rikorrent, din il-Qorti ssib li l-ilment tiegħu huwa ġustifikat u għandu jintlaqa'.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' it-talbiet tar-rikorrent u filwaqt li tiddikjara li r-rikorrent sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tordna sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tiddikjara li l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet** Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Silvio Żammit **huma magħluqa u għandha tgħaddi sabiex taqra l-Artikoli.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat Avukat Ġenerali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**